



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

7376/24

LIMITE

CORLX 240
CFSP/PESC 334
MAMA 55

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 2011/72/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni 2011/72/PESK dwar miżuri restrittivi
diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Jannar 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/72/PESK¹, li tikkonċerna miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija.
- (2) Abbażi ta' rieżami mill-Kunsill, jenħtieġ li l-entrati għal żewġ persuni u l-informazzjoni dwar id-drittijiet tad-difiża tagħhom u d-dritt tagħhom għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva jitħassru.
- (3) Fis-27 ta' Novembru 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2686², li emendat ċerti deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi sabiex jiddaħħlu dispożizzjonijiet dwar eċċezzjonijiet umanitarji.
- (4) Il-Kunsill iqis li jenħtieġ li tiġi introdotta klawżola ta' rieżami relatata ma' dawk l-eċċezzjonijiet.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2011/72/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/72/PESK tal-31 ta' Jannar 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija (ĠU L 28, 2.2.2011, p. 62).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/2686 tas-27 ta' Novembru 2023 biex jiġu emendati ċerti Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi sabiex jiddaħħlu dispożizzjonijiet dwar eċċezzjonijiet umanitarji (ĠU L, 2023/2686, 28.11.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2686/oj>).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2011/72/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 5, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. L-eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 1(6) u (7) fir-rigward tal-Artikolu 1(1) u (2) għandhom jiġu riveduti f'intervalli regolari, u mill-inqas kull 12-il xahar, jew fuq talba urġenti minn kwalunkwe Stat Membru, mir-Rappreżentant Għoli, jew mill-Kummissjoni wara bidla fundamentali fiċ-ċirkostanzi.";

(2) l-Anness huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

Fit-taqsimiet A u B tal-Anness tad-Deċiżjoni 2011/72/PESK, jitħassru l-entrati għall-persuni li
ġejjin:

18. Moez Ben Moncef Ben Mohamed TRABELSI;
 21. Housseem Ben Mohamed Naceur Ben Mohamed TRABELSI.
-